# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

## MIEXI GHALL-GLORJA

Is-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, fix-xahar ta' Ġunju li għadda, tkellmet u qatgħet fuq "l-introduzzjoni tal-kawża għall-beatifikazzjoni tal-qaddej t'Alla Ven. NIMUTULLAH KASSAB EL-HARDINI, imwieled fl-1808 fir-raħal Hardini, fil-Libnan. Dan il-Qaddej tal-Mulej kien daħal fl-Ordni tal-Maroniti meta kellu 20 sena, kien professur fis-Seminarju ta' Kfifaru, fejn ittajjar għas-sema fl-1857.

## GRIEGI ORTODOSSI MILQUGĦIN FIL-CASANOVA

Fost l-eluf ta' żawwara fil-Palestina milqugħin fil-Casanova tal-Franġiskani, din id-darba ltqajna ma' ġgajta ta' 42 persuna, saċerdoti u professuri u ma' daqs 30 student teologu ta' l-Università ta' Ateni. Għal dan il-ftehim mad-Direttur tal-Casanova ħaseb l-Arkimandrita Germanos, Superjur tal-Kommunità Griega-Ortodossa tas-SSmu. Sepulkru. Huma qagħdu fil-Casanova mill-24 sas-27 ta' Mejju li għadda; u żewġ ġgajtiet oħra waslu mill-Università ta' Salonika (Greċja) għall-aħħar jiem ta' Ġunju u għal nofs Lulju. Dan juri, li l-Konċilju Vatikan II ma ħadimx għalxejn meta stieden lill-Ortodossi sabiex jerġgħu jidħlu mill-ġdid fil-Knisja Kattolika. Nittamaw li l-għaqda tagħmel passi oħra 'l quddiem.

## WIRJA TA' SIWI KBIR

Fl-aħħar ġimgħa tax-xahar ta' Mejju li għadda, f'waħda mis-swali kbar tal-lukanda "Aelia Capitolina" ta' Ġerusalemm, ix-xirka "Palestine Exploration Fund" biex tfakkar egħluq il-Mitt Sena tagħha, għamlet wirja tax-xogħlijiet tagħha u ta' dak kollu li kisbet ġdid ma' tul dan iż-żmien ta' ħajjitha. Barra minn gvieret tal-plastika, kellha għall-wiri fotografiji u illustrazzjonijiet tal-kotba mitbugħa minn din ix-xirka u li jfissru u jixhdu l-qdumijiet tal-Palestina.

Kif hu magħruf, l-ewlenin u l-aqwa "skavi" f'Ġerusalemm saru minn din ix-Xirka; fost il-fotografiji hemm ukoll waħda tal-Qabar ta' Kristu li tinżamm fil-Mużew ta' Londra u li ġejja, bħal ħafna oħrajn, minn Betlem.

## TIFTIX TAĦT L-ART GĦALL-ILMA

M'ilux, ħames għorrief fil-ġeoloġija mir-Repubblika Federali Tedeska waslu f'Damasku (Sirja) biex jagħmlu tiftix taħt l-Art għall-ilma. Dawn tħabtu biex jagħmlu dmirhom għal tliet xhur sħaħ, kif kien il-ftehim mar-Repubblika Sirjana Għarbija, li kien sar fl-1964. Ma nafux, jekk l-ilma nstabx, jew le.

## TQASSIM TA' ARTIJIET

F'ċerimonja ċivili mill-aqwa, il-gvern tas-Sirja qassam fuq 10,000 ettaru ta' art lil 1,093 familja ta' bdiewa u fl-istess ħin ukoll tahom imkinijiet fejn jistgħu jgħammru. Dan it-tqassim ta' artijiet sar fuq dak li kien ħabbar il-Ministru tar-riforma agrarja fis-7 ta' April li għadda. Wara dak il-jum, 4,179 familja sirjana ġa ħadet mill-gvern sirjan 52,000 ettaru raba'.

## LAQGĦA TA' L-AVUKATI GĦARAB

L-Għaqda ta' l-Avukati Għarab qatgħet li ssejjaħ konferenza tal-

qawwiet nazzjonalisti tal-pajjiżi għarab. Din l-aħbar ingħatat lill-istampa tal-Irak mis-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda ta' l-Avukati, Xiafik Arkidate. U dan Xiafik żied jgħid: "Il-konferenza tal-qawwiet nazzjonalisti tal-pajjiżi għarab ikollha bħala għan ewlieni tagħha li tistudja u tfittex sewwa liema passi għandhom jittieħdu biex jistgħu jilqgħu għat-tiġrib li ġej mill-imperjalisti kontra l-pajjiżi għarab.

## GĦAJNUNA FINANZJARJA MILL-GĦARABJA SAWDITA

Malli reġa' lura mill-Għarabja Sawdita, il-Prim Ministru tal-Ġurdanja, Wasfi Tell, xandar fil-gazzetti li kien ġie milqugħ mir-Re Feisal u li miegħu kellu laqgħat, li huma "bħala l-kumplament tal-laqgħat mibdijin fi Frar li għadda bejn ir-Re Hussein tal-Ġurdanja u r-Re Feisal tal-Għarabja Sawdita, meta dan kien mar iżur il-Ġurdanja". Il-Prim Ministru fakkar li dan il-ftehim kien beda bejn iż-żewġ slaten fl-1962 f'Taef, fejn kien imfassal pjan ekonomiku bejn it-tnejn. U żied jgħid Wasfi Tell: "It-taħdidiet tagħna ma kinux mingħajr frott. Huma wettqu rabta qawwija ta' aħwa bejn is-saltna tal-Ġurdan ma' dik tal-Għarabja Sawdita. Għax sar ftehim li l-Għarabja Sawdita tagħti lill-Ġurdanja għajnuna finanzjarja, li biha tkun tista' tasal ittemm xi wħud mill-pjani mfassla tagħha". Il-Prim Ministru imma ma qalx kemm sa tkun din l-għajnuna finanzjarja lill-Ġurdanja, iżda qal li dan jiġi mxandar malli hu jagħti lir-Re Hussein ir-rapport li hu nnifsu għandu jhejjilu.

## SEJBA TA' KITBA GĦARBIJA TAS-SEKLU VII Q.K.

Is-Sur Mohammed Tukan, Ministru fil-gvern tal-Ġurdan, ħabbar li f'bir ta' Umm Rugjum, xi seba' mili bogħod minn Amman, instabet kitba (skrizzjoni) fil-lsien Għarbi tas-Seklu VII Qabel Kristu. Il-bir fejn instabet dil-kitba hu fond 30 metru, fih 23 tarġa u hu tal-epoka tal-ħadid. Kif jifhem dal-Ministu Mohammed Tukan, il-bir kien ġgarraf 582 sena Q.K. fiż-żmien ta' Nabukkudonosor, sultan ta' Babilonja, u din il-kitba, li hi sal-lum l-aktar qadima, kienet imnaqqxa fil-ħajt u turi min kien dak li kien bena dak l-imkien. Il-karattri ta' dil-kitba, issokta jgħid il-Ministru, huma tal-kitba "SUFI" użata f'Hawran u n-naħa tax-Xmiel tal-Palestina, fi żmien il-ħakma tar-Rumani.

## TGĦALLEM MIN-NEMLA

Wieħed tifel kien qiegħed jibki.

Għax qiegħed tibki? qaltlu ommu. U t-tifel qallha: Għax is-Surmast wiegħed premju lil dak li jgħid bl-amment il-poeżija li huwa tana; u billi jiena ma tantx nitgħallem malajr biex inżomm f'moħħi, nibża' li l-premju jieħdu ieħor, u jien nibqa' b'xejn.

Tinzerta għaddejja nemla ġġor magħha qamħa.

Taraha din in-nemla? qaltlu ommu. Din kull sagħtejn iġġorr qamħa, imma fi ftit jiem tasal taħżen x'tiekol għal ma' tul ix-xitwa kollha.

It-tifel fehem it-tagħlima: inxteħet jitgħallem b'ħeġġa u bil-ftit il-ftit tgħallem il-poeżija kollha sewwa u . . . rebaħ il-premju.